MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 479/2010

Appell Numru: 479/2010

Il-Pulizija

Vs

Keith Pace

Illum, 2 ta' Ottubru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Keith Pace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fit-12 t'Ottubru 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer hedded lil Cettina Kok li tikkagunalha offizi gravi u ta' ordni jew kundizzjoni sabiex tizzewweg lil Abdalla El Ahmad detentur tal-karta tal-identita numru 24243(A) bil-ksur tal-Artikolu 249 (2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin u lok, bil-hsieb li jestorcja flus jew xi haga ohra jew li jaghmel xi qliegh bi vjolenza u b'theddid gieghel lill-istess Cettina Kok sabiex tizzewweg lill-istess Abdalla El Ahmad, liema theddid wasslu fil-hsiebhu u dan bil-ksur tal-Artikoli 250 (1) (2) u 251 (1) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 Tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar it-28 ta' Ottubru, 2010 fejn l-ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 249(2), 250(1)(2) u 251(1)(2), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9, ikkundannat lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' erba snin u ghal hlas ta' multa ta' elf (1000) euro li jigu kkonvertiti ghal hamsa u tmenin (85) gurnata priguerija f'kaz li ma jhallasx.

Rat ir-rikors tal-appellant Keith Pace minnu pprezentat fid-9 ta'Novembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u hitja u subordinatament f'kaz ta' sejbien ta' htija li tvarja l-piena bili tinghata piena ohra aktar ekwa ghal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Keith Pace, huma is-segwenti :

**A. <u>Patteggjament</u>**

Il-partijiet, a tenur tal-ligi, ghamlu **<u>verbal</u>** fl-atti ta' din il-kawza fejn huma nfurmaw lill-Ewwel Onorabbli Qorti li kienu waslu ghal ftehim fuq piena, (Probation a tenur tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-Ewwel Qorti meta rat il-verbal maghmul mil-partijiet konguntivament, daret fuq il-prosekutur is-Supt. Carmelo Magri u *in open Court*, quddiem l-esponenti u s-sotto-iffirmat avukat staqsiet:

Il-Qorti: "ghalik tajjeb hekk?"

Il-Prosekuzzjoni: "ahna ma nsibux oggezzjoni Sur Magistrat … anzi, ghax issa nitolbu s-separazzjoni tal-gudizzju halli s-Sur Pace jixhed kontra l-ohra"

Il-Qorti: "jekk tajjeb ghalikom …."

U l-kawza in segwitu ghal tali skambju, thalliet ghas-sentenza.

L-esponenti in sostenn ta' dana l-aggravju jitlob minn issa sabiex issir gustizzja, li kemm is-Supretendent Magri, kif ukoll is-sotto-iffirmat avukat, jixhdu u jikkonfermaw dak hawn miktub.

Il-partijiet, b'mod specjali l-esponenti, wara li l-Qorti deheret bic-car li kienet qed taccetta l-ftehim milhuq bejn il-partijiet u wara li l-istess Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza, u wara li l-istess Qorti serhet mohh l-avukat sotto-iffirmat *in open court* li ma hemmx bzonn li jittelghu provi in sostenn tal-ftehim milhuq, haduha b'serhan il-mohh li l-ftehim milhuq kien accettat u l-ghada li tinghata s-sentenza, l-esponenti jkun jista` jiddeponi kontra t-terz.

Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, meta Qorti tghazel li ma taccettax ftehim legalment milhuq, jinkombi fuq dik il-Qorti li tinforma lill-partijiet li tali ftehim ma jkunx qieghed jigi accettat sabiex b'hekk l-istess jkunu jistghu jirregolaw irwiehom u mhux l-invers fejn anzi l-kawza tiehu zmien twil u inutli sabiex tghaddi in gudikat.

Il-gurisprudenza titkellem b'mod car ta' x'tista` u ma tista taghmel Qorti ta' gurisdizzjoni penali meta jkun hemm kaz ta' sentence bargaining, u xi procedura trid tigi segwita sine qua non. Fil-kaz in ezami, l-procedura korretta giet segwita pero` kien kollu ta' xejn, ghal ragunijiet mhux maghrufa mil-partijiet.

**B. <u>Ammissjoni</u>**

Illi l-esponenti ghadda sabiex jirregistra l-ammissjoni tieghu tenut kont tal-ftehim milhuq u li ghalieh saret riferenza fl-aggravju precedenti.

L-esponenti jikkontendi li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis dak li l-gurisprudenza dejjem sostniet ghar-rigward ta' ammissjoni.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tghallem li:

> *"meta quddiem l-ewwel qorti imputat jammetti mill-ewwel, hafna drabi jkun utili u kwazi doveruz li dik il-qorti tisma', minkejja l-ammissjoni, il-provi (jew ghall-anqas xi whud mill-provi) biex tiddetermina verament l-isfond li fih ikun sehh ir-reat u, per konsegwenza, il-gravita` oggettiva tal-akkadut"*

Per di piu, tkompli tghallem din l-Onorabbli Qorti li:

> *"trattandosi dan ta' kaz li beda bhala kumpilazzjoni, u minkejja l-ammissjoni tal-imputat mal-prezentata tieghu, kien ikun ferm aktar ghaqli li kieku l-ewwel qorti, flok ma strahet semplicement fuq l-akkuza kif dedotta (li ma taghtix, naturalment, l-isfond ta' dak li gara) … semghet imqar lill-istess ufficjal prosekutur bil-gurament (u forsi anke lill-vittma) biex tkun tista' tqis ahjar il-piena gusta ghall-kaz. Il-piena, sia fil-kwalita` u fil-kwantita` taghha, hija materja li tispetta esklussivament lill-gudikant, tant li meta addirittura il-prosekuzzjoni u d-difiza jaqblu formalment dwar il-piena – Artikoli 453A u 393A(5) tal-Kap. 9 – il-gudikant jista' dejjem jirrifjuta li japplika dik il-piena jekk ikun tal-fehma li ma tkunx piena gusta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz".*

Fil-kaz in ezami l-Ewwel Qorti kienet diga semghet xi provi in konnessjoni mal-imputazzjonijiet.

Minn analizi ta' dawn il-provi, kif ukoll minn analizi legali ta' l-imputazzjonijiet jemergi bic-car li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-esponenti hati tad-delitti ravvizati f'kull sub-inciz tal-artikoli 250 u 251 tal-Kodici Kriminali.

**B.1. L-artikolu 250 fis-sub-inciz (1)**

Id-delitt hawn ravvisat cioe` dak maghruf bl-Ingliz bhala extortion, jesigi li l-prosekuzzjoni tipprova li l-qliegh:

a. jsehh mal-mument li terz tvarja b'xi mod testament, jew obbligazzjoni, jew titolu, jew garanzija jew xi haga ohra

**U**

b. li sabiex jsir tali qliegh kien hemm theddid li ser issir kwerela jew denunzja jew malafama

Fil-kaz odjern hareg bic-car li tali sitwazzjoni ma avveratx ruhha qatt u li fil-fatt ghalhekk tali sejbien ta' htija a bazi ta' dan id-delitt me seta jsehh qatt.

**B.2. L-artikolu 250 fis-sub-inciz (2)**

Dan is-sub-inciz jzib il-piena fil-kaz li l-estorsjoni ta' flus tkun sehhet u li l-hati jkun ircieva flus minghand it-terz vittima.

**B.3. sottomissjonijiet in sostenn tas-sub aggravji precedenti**

Bid-dovut rispett, il-provi juru kif l-esponenti ma rcieva l-ebda flejjes in konnessjoni ma' dan il-kaz minghand Cettina Kok u li lanqas huwa qatt qal u/jew hedded lil

Cettina Kok li huwa kien ser jiddenunzja jew jaghmel kwerela kontra taghha jew xort'ohra in konnessjoni ma' xi testament jew xort'ohra.

L-Ewwel Onorabbli Qorti meta rat f'idejha l-provi in atti setghet legittimament u ragjonevolment tgharraf li tali agir ma sehhex.

Ghalhekk meta wiehed jara l-gurisprudenza imsemmija surpa, mhux biss il-Qorti kellha ma taccettax l-ammissjoni, izda aktar u aktar f'kaz li taccetta l-istess, l-Ewwel Qorti kellha mhux biss tapplika l-piena miftehemha ghar-rigward l-artikolu 251(2) tal-Kodici Kriminali, izda ukoll kellha necessarjament tillibera lill-esponenti mil-piena in konnessjoni ma' dawn is-subincizi.

**<u>B.4. L-artikolu 249(2) tal-Kodici Kriminali</u>**

Illi lanqas ma tressqu l-quddiem provi in sostenn ta' din l-imputazzjoni u ghaldaqstant filwaqt li l-Ewwel Qorti kellha ammissjoni, anke ta' din l-imputazzjoni, l-Ewwel Qorti setghet tgharraf li ma kien hemm l-ebda prova ta' dan kollu f'dak li sehh bejn l-esponenti.

**C. <u>Il-Piena</u>**

**<u>C.1. Generali</u>**

L-esponenti bir-rispett jikkontendi li l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ebda istanza ma kkunsidrat l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena. Bhal ma lanqas ma tat l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv tal-esponenti.

L-interess pubbliku fil-kawza odjerna ma huwiex limitat biss ghal fatt li min kiser il-ligi, jpatti ghal ghemilu, izda ukoll li l-istess danni sofferti jkunu mhallsa lura. Pero` danni sofferti fil-kawza odjerna ma hawmx.

Meta wiehed jqis li l-esponenti ta' 30 sena, huwa missier ta' hames ti tfal, li l-fedina penali tieghu tirrifletti passat xejn pjacevoli, li pero` tali passat fl-ahhar qieghed jigi ndirizzat, din is-sentenza ser jkollha konsegwenzi ferm u ferm gravi fuq l-esponenti.

Issa li l-esponenti beda jindirizza l-problema tad-droga tieghu, kif ukoll li beda jigi mghallem u mharreg ghal xoghol, din is-sentenza ser twassal sabiex l-esponenti meta johrog mil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, ma jsibx impjieg.

Il-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Lanqas ma l-Ewwel Qorti kkunsidrat li dawn il-proceduri lhom li nbdew ghal bejn wiehed u iehor 10 snin, matul liema perijodu, l-istess allegat vittima mhux talli qat ma hadet il-pedana tax-xhieda, izda talli sabiex il-kaz kontra t-terz jirnexxi, tenhtieg ix-xhieda tal-esponenti.

L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs John Farrugia", fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' erba' snin imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-aspett riformattiv ma giex accenat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

Fil-kawza fl-ismijiet "il-Pulizja vs Carmen Buttler", deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel l-Ewwel Qorti, **sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari** tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina. Illi l-Ewwel Qorti in vista tal-fatt li deheret li accettat il-piena miftehemha ma accettax u ma ppermettietx li jingiebu provi in sostenn ma' dan il-ftehim. Ghaldaqstant l-esponenti jitlob sabiex huwa jkun jista` jressaq provi f'dan ir-rigward.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charlot Aquilina", deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta'Probation*.

Il-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti permezz tas-sentenzi "Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia",, u fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Farrugia", kompliet sabiex ikkristallizat aktar dan il-punt.

L-esponenti jikkontendi, li fil-kaz tieghu, l-hekk imsejha *window of opportunity*, sabiex jaghmel tajjeb ghal ghemilu, ma ghandhiex tinghalaq minn Qorti u dana fl-ahjar interess pubbliku suprem.

Ghal dawn il-motivi, l-esponent jitlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista` tisma` provi in konnessjoni mar-riforma fil-karattru tal-

esponenti, sabiex b'hekk hija tkun tista` tgharraf kif l-window of opportunity li nghatat lill-esponenti mhux biss giet abbraccjat minnu, izda talli giet imhaddma tajjeb.

**C.2. L-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali**

Illi bl-akbar dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat dan l-artikolu tal-Ligi sabiex b'hekk tkun tista` tasal ghal piena, mposta, meta skond id-dictat ta' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, kelu jkun applikat is-sub-inciz (h) ta' l-artikolu 17 u mhux is-sub-inciz (b).

Ikkunsidrat:

F'Ottubru tal-elfejn u wiehed (2001) l-appellant kien ikkonvinca lil certa Cettina Cock permezz ta' theddid u anke xi offizi, sabiex tizzewweg lil Abadah El Ahmad. Meta l-pulizija saret taf b'dan il-kaz hija investigat u ipprocediet kontra l-appellant u terza persuna. Fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Ottubru tal-elfejn u disgha (2009) l-appellant u t-terza persuna irregistraw ammissjoni u b'sentenza moghtija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru elfejn u ghaxra (2010) l-Qorti ghaddiet biex ikkundannat lill-appellant ghal erba' snin prigunerija u multa ta' elf ewro (€ 1,000). L-appellant deherlu illi din is-sentenza kienet gravuza wisq fil-konfront tieghu u ghalhekk intavola dan l-appell fejn qieghed jghid illi kien gie registrat patteggament bejn id-Difiza u l-Prosekuzzjoni, il-Qorti tat x'tifhem illi kienet se tilqa' dan il-patteggament però mbaghad fis-sentenza skartatu ghal kollox u imponiet prigunerija effettiva fuq l-appellant. Jidher illi l-appellant ma kellux biss dawn il-problemi izda kellu ohrajn in konnessjoni mat-tehid ta' sustanzi psikotropici. Kien ghalhekk illi gie appuntat probation officer Matthew Fleri Soler fejn dan xehed illi kien ilu qed isegwi lill-appellant minn Mejju tal-elfejn u hdax (2011) u dejjem kellu attitudni pozittiva, jattendi ghall-appuntamenti u wara ezamijiet irrizulta illi baqa' nadif ghal dawn is-sustanzi. L-ewwel beda jahdem mal-kunsill lokali ta' Marsaxlokk u kien qed iwettaq ix-xoghol b'mod sodisfacenti.

L-istess probation officer xehed f'seduta ohra aktar tard fejn kompla jghid illi l-attitudni baqghet pozittiva u baqa' clean ghal sustanzi psikotropici. Is-sieghat ta' xoghol fil-komunità qieghdin isiru b'mod sodisfacenti u mid-diskursati li l-probation

officer kellu mal-appellant jidher illi hemm certa stabbilità fil-hajja tieghu. Veru illi ghadu ma sabx xoghol però qieghed jghin lill-partner tieghu fin-negozju taghha.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tiehu gost hafna tisma' din it-tip ta' xhieda fejn persuna bil-passat refrettarja tidher illi qed tbiddel hajjitha sabiex tkun cittadin onest u stabbli fis-socjetà taghna. Veru illi l-appellant m'ghandux xi passat sabih u dawn il-qrati taw diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu illi jidhru illi kollha waqghu fuq widnejn torox. Din id-darba però jidher illi hemm xi kambjament. Kif xehed il-probation officer Matthew Fleri Soler, l-appellant verament qieghed ibiddel hajtu u anki jassumi certa responsabiltà billi jghin lill-partner tieghu fin-negozju. Din il-Qorti ukoll giet ifaccata b'sitwazzjonijiet bhal dawn meta persuna b'passat refrettarja tbiddel hajjitha u turi atteggjament pozittiv lejn min ikun qieghed isegwiha u anki lejn is-socjetà. Kif qalet il-kawza "Il-Pulizija versus Ritmar Hatterley u Justin Farrugia" tad-9 ta' Ottubru 2008 "anke fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna 'a window of opportunity' li permezz taghha jkun jista' jinkiser il-cirku ta' kundanni u prigunerija." Ghalhekk, din il-Qorti qieghda thares b'certa simpatija lejn ix-xhieda tal-probation officer u l-kaz tal-appellant illi forsi jisthoqlu illi jinghata opportunità ohra. Kien forsi dan illi d-Difiza u l-Prosekuzzjoni issuggerew lill-ewwel Qorti illi jinghata probation flok kundanna effettiva u permezz ta' verbal tad-dsatax (19) ta' Ottubru tal-elfejn u disgha (2009) (fol 76) wara illi l-appellant irregistra ammissjoni gie dikjarat illi "il-partijiet ma jsibu ebda oggezzjoni jekk l-imputati bhala piena jinghataw probation fid-dawl tal-fatt li l-imputat Keith Pace ser jibda programm residenzjali fix-xahar ta' Dicembru." L-appellant jghid illi l-Magistrat dak il-hin ma kienx kontra dan is-suggeriment u tahom x'jifhmu illi kien se jilqaghha. Fl-atti tal-process però m'hemm xejn minn din l-aderzjoni. Hemm biss is-suggeriment maghmul mill-partijiet bil-verbal fuq imsemmi.

Illum il-patteggamenti quddiem il-Qorti Inferjuri huma regolati bil-ligi fejn jinvolvi ruhu wkoll l-Avukat Generali (Art. 392A(5) tal-Kap 9 introdott bl-Att 4/2014 tat-18 ta' Marzu, 2014). Dak iz-zmien li nghatat is-sentenza dana ma kienx hemm regolat. Però l-Qrati dejjem sostnew illi filwaqt illi l-Magistrat ma kienx marbut b'dak illi gie

suggerit, irid almenu jinforma lill-partijiet bin-nuqqas ta' qbil tieghu sabiex kemm id-Difiza kif ukoll il-Prosekuzzjoni jkunu jistghu jaghmlu l-accertamenti taghhom u jirregolaw il-pozizzjoni taghhom. Jidher illi dan ma sarx. Filwaqt illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati ssemmi l-ammissjoni illi ghamel l-appellant permezz tal-verbal fuq imsemmi tad-19 ta' Ottubru 2009, ma ssemmi xejn dwar il-patteggament suggerit u minflok ghaddiet mal-ewwel biex tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' prigunerija effettiva biex b'hekk issorprendiet kemm lill-Prosekuzzjoni kif ukoll lid-Difiza illi sabet ruhha infaccata b'sitwazzjoni imprevista u li ma tista' taghmel xejn dwarha.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tigbed l-attenzjoni ghal sitwazzjoni bhal din li m'hi xejn deziderabbli quddiem Qorti ta' ligi fejn kollox irid isir bil-miftuh u debitament registrat. L-appellanti sewwa ghamlu meta ivverbalizzaw il-patteggament milhuq mal-Prosekuzzjoni u l-ewwel Qorti ma setghetx tinjoraha kompletament bhal li kieku ma kinitx hemmhekk aktar u aktar meta, skont l-appellant, il-Qorti kienet uriet l-aderzjoni taghha bil-miftuh b'dikjarazzjonijiet maghmula quddiem id-Difiza u l-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni il ghala m'ghandhiex toqghod fuq is-suggeriment maghmul bejn il-partijiet fl-isfond tal-progress illi qed jaghmel l-appellant kif xehed il-probation officer Matthew Fleri Soler u ma jkunx xieraq illi dan il-progress jigi disturbat bi prigunerija effettiva b'terminu daqshekk twil. Din il-Qorti taghmilha cara illi b'fedina penali daqshekk refrettarja l-appellant haqqu illi jinghata piena bhal din però mhux ta' min taghlaq il-'window of opportunity' li nfetah ghar-riforma totali tal-appellant u tawgura illi jkompli jiehu dan l-atteggjament fil-futur halli dan ic-ciklu ta' kundanni u prigunerija jinkiser darba ghal dejjem u l-appellant isib ruhu bhala cittadin onest fis-socjetà illi taghha jaghmel parti.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet il-htija, izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------